

Brussell, 22 ta' Settembru 2023  
(OR. en)

13168/23

SOC 619  
EMPL 441  
EDUC 359  
ECOFIN 897  
DIGIT 187

**NOTA**

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Semestru Ewropew 2023: L-impatt tat-teknoloġiji l-ġodda fuq ix-xogħol: Lejn tranżizzjoni diġitali ġusta - Dibattitu ta' orjentazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett ta' hawn fuq, bil-  
ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill (EPSCO) tad-9 ta' Ottubru 2023.

## **Kunsill EPSCO (Impjieggi u Affarijiet Soċjali)**

### **Semestru Ewropew 2023:**

#### **L-impatt tat-teknoloġiji l-ġodda fuq ix-xogħol: Lejn Tranżizzjoni Diġitali Ġusta**

L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha ilhom iħabbtu wiċċhom mal-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin futuri komuni għall-ekonomija u s-soċjetajiet dinjija kollha, relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika, id-diġitalizzazzjoni, il-bidliet demografiċi u d-depopolazzjoni ta' parti mit-territorju tagħhom.

B'attenzjoni partikolari għad-diġitalizzazzjoni l-Kunsill Ewropew iddikjara fl-"Aġenda Strateġika Ġdida għall-2019-2024"<sup>1</sup> li, matul is-snin li ġejjin, it-trasformazzjoni diġitali ser tkompli taċċellera u jkollha impatti estensivi, u li l-politika tagħna trid tissawwar b'mod li tinkorpora l-valuri soċjetali tagħna, tippromwovi l-inklużività u tibqa' kompatibbli mal-istil ta' ħajja tagħna.

B'dan il-ħsieb, fl-2020 il-Kummissjoni ħabbret, fil-Komunikazzjoni tagħha "Insawru l-Futur Diġitali tal-Ewropa"<sup>2</sup>, ir-rieda tagħha li tiffoka fuq tliet objettivi ewlenin biex tiżgura li s-soluzzjonijiet diġitali jgħinu lill-Ewropa ssegwi t-triq tagħha stess lejn trasformazzjoni diġitali li tirrispetta l-valuri tagħna: teknoloġija li taqdi lin-nies; ekonomija ġusta u kompetittiva; u perkors Ewropew lejn trasformazzjoni diġitali li ssaħħaħ il-valuri demokratiċi tagħna, tirrispetta d-drittijiet fundamentali tagħna u tikkontribwixxi għal ekonomija sostenibbli, newtrali għall-klima u effiċjenti fir-riżorsi.

It-tranżizzjoni diġitali, u l-impatt tagħha fuq l-impjieggi, fuq il-ħiliet meħtieġa mill-kumpaniji u l-ħaddiema u fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-relazzjonijiet industrijali, hija sfida enormi għall-politika dwar l-impjieggi, ix-xogħol u l-protezzjoni soċjali kif ukoll għad-djalogo soċjali.

Id-diġitalizzazzjoni qed twassal għal trasformazzjoni profonda fil-mod kif jiġu prodotti l-oġġetti u jiġu pprovduti s-servizzi. Għalkemm mhuwiex realistiku li wieħed jaħseb li t-teknoloġiji l-ġodda jistgħu jissostitwixxu bis-sħiħ lin-nies, l-awtomatizzazzjoni dejjem akbar tal-proċessi qed twassal biex ifeġġu impjieggi ġodda, biex oħrajn jinbidlu kompletament u biex ħafna minnhom, li saru obsoleti jew mhux meħtieġa, jgħibu.

---

<sup>1</sup> Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, 20 ta' Ġunju 2019.

<sup>2</sup> Komunikazzjoni "Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa", 19.2.2020, COM(2020) 67 final.

Ir-rivoluzzjoni teknoloġika tista' toħloq opportunitajiet ġodda ta' xogħol u tagħlaq il-lakuni eżistenti fil-parteċipazzjoni fix-xogħol. Pereżempju, l-intelliġenza artifiċjali (IA) u r-robotika waħedhom jistgħu jkunu mistennija li joħolqu kważi 60 miljun impjieg ġdid madwar id-dinja fil-ħames snin li ġejjin<sup>3</sup>. Dment li jiġu implimentati azzjonijiet ta' politika li jindirizzaw b'mod effettiv id-distakk diġitali, id-diġitalizzazzjoni tista' tkun ta' benefiċċju wkoll għaż-żoni rurali u iżolati li huma partikolarment esposti għall-effetti ta' soċjetajiet li qed jixjieħu u tad-depopolazzjoni.

Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni għandha implikazzjonijiet sinifikanti fir-rigward tad-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja inklużivi u ta' kwalità stipulati fil-Prinċipju 1 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. It-tranżizzjoni diġitali għamlitha aktar neċessarja minn qatt qabel li l-ħiliet diġitali jkunu jistgħu jinkisbu u jiġu aġġornati biex iċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà u biex l-intrapriżi u l-ħaddiema jkunu jistgħu jimmaniġġjaw b'suċċess il-bidliet li jseħħu fis-suq tax-xogħol.

Id-Deċiżjoni li tiddikjara s-Sena Ewropea tal-Ħiliet<sup>4</sup> tfakkar li, fl-UE, aktar minn 90 % tal-okkupazzjonijiet professjonali jirrikjedu livell bażiku ta' ħiliet diġitali, filwaqt li madwar 42 % ta' ċittadini tal-UE, inkluż 37 % tal-persuni li jaħdmu, ma għandhomx ħiliet diġitali bażiċi.

Il-miżuri fil-livell tal-UE, nazzjonali, reġjonali jew dak lokali meħuda biex jintlaħqu l-oġġettivi stipulati f'dik id-Deċiżjoni għandhom jikkontribwixxu biex jinkisbu l-miri tal-UE għall-2030, definiti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Dan jinkludi b'mod partikolari li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha għandhom jipparteċipaw f'taħriġ kull sena u li mill-inqas 80 % ta' dawk bejn is-16 u l-74 sena għandhom ikollhom ħiliet diġitali bażiċi, prekondizzjoni għall-inklużjoni u l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà f'Ewropa ttrasformata b'mod diġitali.

Barra minn hekk, l-impatt tal-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema qed isir dejjem aktar rilevanti. Filwaqt li l-użu tas-sistemi tal-IA jista' jġib ħafna benefiċċji għall-ħaddiema u għan-negozji, dan iġib miegħu sfidi wkoll, pereżempju meta l-kumpaniji jiddelegaw id-dmirijiet tas-setgħa maniġerjali u organizzazzjonali tagħhom lill-algoritmi, u b'hekk iżidu l-kapaċità ta' dawn tal-aħħar li jikkontrollaw.

<sup>3</sup> Komunikazzjoni "Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti" ST 5353/20.

<sup>4</sup> Deċiżjoni (UE) 2023/936 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar Sena Ewropea tal-Ħiliet (ĠU L 125, 11.5.2023, p. 1)

L-aspetti ċentrali tar-relazzjonijiet tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol bħar-reklutaġġ u l-għażla, l-allokkazzjoni tal-kompiti u l-evalwazzjoni tal-prestazzjoni tax-xogħol, l-avvanz fil-karriera u t-terminazzjoni tal-kuntratti qed jiġu fdati dejjem aktar lil sistemi awtomatizzati ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

L-użu ta' dawn is-sistemi awtomatizzati jista' jkun ta' benefiċċju għall-ħaddiema, pereżempju billi jtejjeb il-produttività tagħhom, jipromwovi l-inklużività, jew iżid is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol. Madankollu, dan jista' jwassal għal riskji ġodda sinifikanti bħal preġudizzju algoritmiku li jista' jimmina l-prinċipji u d-drittijiet fundamentali fuq il-post tax-xogħol. Dawn jistgħu jipperpetwaw diskriminazzjoni abbażi ta' diżabilità, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, ġeneru, età jew orjentazzjoni sesswali, li tmur kontra l-oġettivi tal-Unjoni ta' Ugwaljanza<sup>5</sup>.

Il-politiki tal-impjiegi u tax-xogħol iridu joffru garanziji suffiċjenti biex jipprovdu rispons xieraq, ġust u effettiv għal dawn ir-realtajiet, filwaqt li jiżguraw li l-iżvilupp teknoloġiku jimxi id f'id ma' kundizzjonijiet tax-xogħol, xogħol u protezzjoni soċjali adegwati. F'dan il-kuntest, l-IA u l-użu tal-algoritmi għandhom ikunu soġġetti għall-kontroll tal-bniedem u d-diġitalizzazzjoni għas-servizz tal-ħaddiema għandha tiġi promossa, filwaqt li jiġu rispettati d-drittijiet individwali u kollettivi tagħhom.

Pereżempju, xi pajjiżi adottaw leġislazzjoni dwar id-dmir tat-trasparenza algoritmika mill-kumpaniji u l-ħtieġa li r-rappreżentanti tal-ħaddiema jiġu infurmati dwar l-użu tagħha fl-organizzazzjoni tax-xogħol.

Il-ġustizzja soċjali, l-inklużjoni, l-ugwaljanza, id-drittijiet tal-ħaddiema u s-saħħa u s-sigurtà tagħhom għandhom jiġu żgurati meta t-teknoloġiji jintużaw fuq il-post tax-xogħol. Bl-istess mod kif naffermaw li t-tranżizzjoni ekoloġika jeħtieġ li tkun ġusta, tranżizzjoni diġitali ġusta trid tkun oġettiv tal-politiki pubbliċi tagħna, f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u d-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali<sup>6</sup>. Dan ifisser li l-opportunitajiet għall-iżvilupp tal-attività ekonomika u t-titjib tal-kwalità tal-impjiegi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għandhom jiġu żgurati u għandhom jiġu evitati impatti ekonomiċi u soċjali negattivi fuq id-drittijiet tal-ħaddiema.

---

<sup>5</sup> Għal ħarsa ġenerali lejn il-leġislazzjoni u l-inizjattivi tal-UE kontra d-diskriminazzjoni, ara: [L-Unjoni ta' Ugwaljanza \(europa.eu\)](https://europa.eu)

<sup>6</sup> [Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali | Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa \(europa.eu\)](https://europa.eu)

Il-ħtieġa għal riformi u investimenti li jappoġġaw it-tranżizzjoni diġitali ġiet enfasizzata regolarment fis-Semestru Ewropew. L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023 identifika tali miżuri bħala essenzjali biex tissaħħaħ il-bażi ekonomika tal-UE, jiġu promossi l-ħolqien tan-negozju u l-intraprenditorija bl-indirizzar tad-diskrepanza fil-ħiliet diġitali bħala sfida partikolari li għandha tiġi indirizzata biex jissaħħu l-ġustizzja u l-kompetittività.

Għal tranżizzjoni diġitali ġusta bħal din, is-sħab soċjali għandhom rwol kruċjali x'jaqdu. Id-djalogu soċjali tripartitiku u bipartitiku u n-negozjar kollettiv, fil-livelli kollha, huma għodod ewlenin għall-analiżi, id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki adattati bis-sħiħ għall-ħtiġijiet tal-impjegaturi u tal-ħaddiema.

**F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:**

- Liema inizjattivi ġodda jistgħu jitnedew fil-livell tal-UE biex jiġi mmonitorjat u indirizzat l-impatt ta' teknoloġiji ġodda fuq l-impjegati, il-ħiliet, id-drittijiet tal-ħaddiema, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, ir-relazzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet soċjali?
- Kif nistgħu nagħmlu t-tranżizzjoni diġitali ġusta? Is-Semestru Ewropew kif jista' jgħin lill-Istati Membri jieħdu azzjoni xierqa? X'inhu r-rwol tad-djalogu soċjali tripartitiku u bipartitiku?